# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-2 ta' Ottubru 2013**

**Għajnuna mill-Istat SA.33037 (2012/C) – l-Italja Kumpens ta' Simet SpA għall-operat ta' servizzi tat-trasport pubbliku mill-1987 sal-2003**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 6251)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/201/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn l-Artikoli ([1]), u wara li kkunsidrat il-kummenti mibgħuta,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

(1) Fit-18 ta' Mejju 2011 l-awtoritajiet Taljani kkomunikaw permezz ta' notifika elettronika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, il-kumpens favur Simet SpA (minn hawn 'il quddiem: Simet) għall-forniment - li sar bejn l-1987 u l-2003 - ta' servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bix-xarabank interreġjonali fil-kuntest ta' obbligu tas-servizz pubbliku, f'eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Kunsill tal-Istat, l-organu ġuriżdizzjonali amministrattiv suprem Taljan (minn hawn 'il quddiem: il-miżura nnotifikata). Din in-notifika ġiet irreġistrata bin-numru SA.33037.

(2) L-awtoritajiet Taljani ppreżentaw informazzjoni addizzjonali dwar il-miżura nnotifikata fit-12 ta' Lulju 2011, il-5 ta' Ottubru 2011, l-20 ta' Frar 2012, it-2 u t-28 ta' Marzu 2012 u s-17 ta' April 2012.

(3) Permezz ta' ittra ddatata l-31 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Taljani bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem: id-deċiżjoni tal-ftuħ).

Waslu l-kummenti li ġejjin fi żmien l-iskadenzi aċċettati:

— l-awtoritajiet Taljani ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ bl-ittri datati l-1 ta' Ġunju 2012, l-24 ta' Settembru 2012 u l-11 ta' Ottubru 2012;

— l-unika parti terza li ressqet kummenti b'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ kienet Simet, il-benefiċjarju potenzjali tal-miżura nnotifikata. Il-kummenti tagħha waslu fl-4 ta' Awwissu 2012, il-31 ta' Ottubru 2012 u t-13 ta' Diċembru 2012;

— l-awtoritajiet Taljani kkumentaw fuq l-osservazzjonijiet mill-parti terza permezz ta' ittri datati t-28 ta' Novembru 2012, l-4 ta' Diċembru 2012, id-19 ta' Diċembru 2012 u l-10 ta' Jannar 2013.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

### 2.1. IL-KUMPANIJA U S-SERVIZZI LI TIPPROVDI

(4) Simet hija kumpanija privata li topera servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bix-xarabank b'konċessjoni tas-servizz maħruġa mill-Istat Taljan skont il-liġi nru 1822/39 ([2]). Speċifikament, Simet topera s-servizz bi skeda fuq netwerk interreġjonali ta' rotot bejn il-Calabria u reġjuni Taljani oħrajn. Minbarra dawn is-servizzi, li jirrappreżentaw madwar żewġ terzi tad-dħul tagħha, Simet tipprovdi wkoll servizzi oħra, inklużi servizzi ta' trasport internazzjonali, servizzi tat-turiżmu u servizzi tal-kiri ta' xarabanks bis-sewwieqa ([3]), li jirrappreżentaw it-terz li jibqa' tad-dħul totali tal-kumpanija.

([1]) ĠU C 216, 21.7.2012, p. 45.

([2]) Il-liġi tat-28 ta' Settembru 1939 - Qafas dwar servizzi bil-karozza tal-linja skedata għal vjaġġaturi, bagalji u pakketti agrikoli f'sistema ta' konċessjonijiet għall-industrija privata (kif sussegwentament emendata bid-Digriet Leġiżlattiv 285/2005).

([3]) Ara http://ngs.Simetspa.it/portale/azienda/

(5) F'Ottubru 1999, Simet ippreżentat għall-ewwel darba lill-Ministeru tal-Infrastruttura u t-Trasport (minn hawn 'il quddiem: il-Ministeru) talba ta' kumpens għal servizz pubbliku għas-servizz tat-trasport interreġjonali bix-xarabank fir-rigward tas-snin mill-1987 ([4]). Il-Ministeru ma aċċettax dik it-talba u dawk ta' warajha u sostna li ma kienx ta inkarigu lil Simet għall-immaniġġar ta' servizzi pubbliċi.

(6) Skont l-awtoritajiet Taljani, Simet, flimkien ma' operaturi oħra ta' servizzi bi skeda interreġjonali, kienet topera abbażi ta' liċenzji temporanji (konċessjonijiet) imġedda kull sena wara applikazzjoni mill-kumpanija operatriċi. Dawn il-konċessjonijiet kienu jagħtu lill-kumpanija operatriċi d-dritt esklussiv li tipprovdi s-servizzi in kwistjoni. Skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni annwali, l-għoti tas-servizz ma jagħtix lill-operatur id-dritt għal sussidju jew kumpens tal-ebda tip u s-servizz kellu jiġi eżerċitat għar-riskju tal-impriża operatriċi. It-tariffi proposti mis-soċjetà nnifisha kienu dawk indikati fl-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni annwali awtorizzati mill-Ministeru.

(7) Matul is-snin, il-kumpanija ressqet numru ta' applikazzjonijiet għall-bdil tal-arranġamenti għas-servizzi fornuti, li normalment kienu aċċettati fuq il-bażi tal-proċedura preskritta bid-Digriet tal-President tar-Repubblika 369/94 ([5]). L-Artikoli 4 u 5 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika 369/94 jipprovdu proċedura dettaljata għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni komparattiva tal-applikazzjonijiet għall-introduzzjoni ta' kull servizz ġdid fuq il-bażi ta' konċessjoni.

## 2.2. ID-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL TAL-ISTAT QABEL ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(8) B'reazzjoni għar-rifjut tal-Ministeru li jagħti kumpens għall-ispejjeż ta' servizz pubbliku mill-1987, Simet appellat lit-tribunal amministrattiv, fejn talbet għal kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(9) Wara l-proċess quddiem il-livelli differenti tal-ġudikatura, il-Kunsill tal-Istat skont is-sentenza tiegħu 1405/2010 tad-9 ta' Marzu 2010 (Deċiżjoni 1405/2010) (minn hawn' il quddiem, is-sentenza 1405/2010), qies li Simet kellha d-dritt li tirċievi kumpens għas-servizzi ta' karozzi tal-linja (fil-biċċa l-kbira interreġjonali) pprovduti taħt il-konċessjonijiet maħruġa mill-Istat Taljan. Is-sentenza stipulat ukoll li l-ammont eżatt ta' kumpens kellu jkun ibbażat fuq dejta affidabbli derivata mill-kontijiet tal-kumpanija.

(10) Kif spjegat f'aktar dettall fid-deċiżjoni tal-ftuħ, is-sentenza 1405/2010, madankollu, ma ddefinietx preċiżament minn liema att legali kienet ħarġet l-impożizzjoni tal-obbligu ta' servizz pubbliku, u f'liema forma. Fl-Ordni tiegħu 2072/2011, maħruġa fit- 18 ta' Jannar 2011 wara n-nuqqas ta' rispett tas-sentenza 1405/2010 mill-amministrazzjoni, il-Kunsill tal-Istat kien aktar ċar f'dan ir-rigward u ddikjara li "*il-Ministeru ripetutament ma ħalliex lill-impriża l-possibbiltà li timmodifika r-rotot, l-iskeda, il-postijiet tat-tagħbija, u ordna, rigward it-tariffi, li ma jistgħux jaqbżu dawk stabbiliti mill-ferroviji tal-Istat, xi ħaġa li l-kumpanija tikkunsidra sintomatika tat-twettiq ta' servizz pubbliku*".

(11) Billi s-sentenza 1405/2010 tiċċita r-Regolament (KE) l-ġdid 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li jirregola l-kumpens għal servizz pubbliku, billi "*jiffissa, f'dak li jirrigwarda kumpensi, kriterji li ma humiex differenti minn dawk tas-sistema Komunitarja preċedenti*", il-Kunsill tal-Istat talab lill-awtoritajiet responsabbli jħallsu kumpens lil Simet skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 ([7]).

(12) L-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jistennew il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-miżuri notifikati qabel jeżegwixxu s-sentenzi tal-Kunsill tal-Istat (is-sentenza 1405/2010 u l-ordni 2072/2010) u jħallsu l-kumpens lil Simet.

([4]) Ittra ta' Simet tat-22 ta' Ottubru 1999, referenza 175/99.
([5]) D.P.R. It-22 ta' April 1994 — ir-Regolament dwar is-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konċessjoni ta' rotot tal-linja ordinarji taħt responsabbiltà tal-Istat.
([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u 1107/70, ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).
([7]) Ir-Reglolament (KEE) nru 1191/69 tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 156 28.6.1969, p. 1).

### 2.3. AMMONT INIZJALMENT NOTIFIKAT TAL-KUMPENS POSSIBBLI GĦAL OBBLIGI TA' SERVIZZ PUBBLIKU

(13) Fir-rigward tal-ammont ta' kumpens pagabbli lil Simet għas-servizzi provduti, l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw lill-Kummissjoni rapport ikkummissjonat minn Simet lil konsulent estern (minn hawn' il quddiem: ir-rapport tal-bidu), mingħajr ma qablu mal-istimi inklużi fih. Ir-rapport tal-bidu kien jistma li l-kumpens dovut kien ta' madwar EUR 59,4 miljun ([8]).

(14) Sussegwentement, madankollu, it-talbiet għal kumpens ġew riveduti billi wara d-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kunsill tal-Istat talab valutazzjoni indipendenti dwar il-livell xieraq ta' kumpens. Ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni huwa ttrattat fit-Taqsimiet 2.6 u 2.7.

### 2.4. TUL TA' ŻMIEN

(15) Għalkemm Simet talbet kumpens għas-servizzi pprovduti sa tmiem l-2013 ([9]), l-awtoritajiet Taljani kienu tal-fehma li l-perjodu relevanti għal din in-notifika huwa biss dak bejn l-1987 u l-2003, billi s-sentenza 1405/2010 tikkonċerna biss l-appell fir-rigward ta' dak il-perjodu. B'mod partikolari, il-punt 3.1 tas-sentenza msemmija hawn fuq jirreferi għal kumpens għall-1987-2003.

### 2.5. L-IŻVILUPPI TAL-PROĊEDIMENT ĠUDIZZJARJU NAZZJONALI WARA D-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(16) Wara r-rifjut tal-awtoritajiet Taljani li jimplimentaw is-sentenza 1405/2010 u l-ordni 2072/2011, il-Kunsill tal-Istat adotta ordni ġdida, jiġifieri l-ordni 270/2012 li biha appunta bord konsultattiv indipendenti biex jiddeċiedi fuq il-metodu tal-implimentazzjoni tas-sentenza 1405/2010.

(17) Il-Bord, magħmul minn president u żewġ komponenti, ingħata l-mandat biex jikkalkula l-ammont tal-kumpens pagabbli lil Simet skont is-sentenza 1405/2010. Fl-istess ħin il-partijiet fit-tilwima nnominaw l-esperti tagħhom stess, li kkummentaw dwar il-konklużjonijiet preliminari tal-kulleġġ konsultattiv. Matul ix-xhur, dan wassal għal skambju ta' atti u kontroargumenti.

(18) Il-kulleġġ konsultattiv ikkonkluda ħidmietu f'Awwissu 2012. Il-kulleġġ ma wasalx għal konklużjoni unanimi, iżda ppreżenta żewġ rapporti separati lill-Kunsill tal-Istat:

— fid-29 ta' Awwissu 2012 ġie ppreżentat rapport ta' minoranza ffirmat mill-president tal-bord konsultattiv maħtur mill-Kunsill tal-Istat, li fih ġie konkluż li d-dejta disponibbli ma kenitx biżżejjed biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jingħata lil Simet u għalhekk ma seta' jingħata l-ebda kumpens;

— Fl-20 ta' Awwissu 2012, ġie ppreżentat rapport tal-maġġoranza ffirmat minn tnejn mit-tliet konsulenti maħtura mill-Kunsill tal-Istat, fejn il-konsulenti kkonkludew li l-kumpens li kellu jingħata lil Simet kien ta' EUR 22 049 796.

(19) Billi l-proċedura dwar l-għajnuna mill-Istat għadha pendenti quddiem il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Istat għadu ma adottax deċiżjoni finali dwar l-ammont ta' kumpens dovut lil Simet.

### 2.6. IR-RAPPORT TAL-MINORANZA

(20) Ir-rapporti tal-minoranza jenfasizza l-punti li ġejjin:

— in-nuqqas ta' dejta affidabbli għall-finijiet tal-kalkolu tal-kumpens (mitluba mill-ordni 2072/2011 u mis-sentenza 1405/2010);

— in-nuqqas ta' sistema ta' separazzjoni tal-kontijiet prevista mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kundizzjoni neċessarja biex jingħata l-kumpens (b'mod li jiġi evitat kumpens eċċessiv);

([8]) Għal kull sena kkonċernata, il-kumpens annwali ġie kkalkulat mit-total tad-defiċit li rriżulta mit-telf operattiv, ħlasijiet finanzjarji u r-redditu fuq il-kapital proprju. Il-kalkolu kien ibbażat fuq serje ta' ipoteżijiet teoretiċi, fosthom ipoteżijiet dwar l-ispejjeż tat-tħaddim tas-servizz bi skeda għat-trasport interreġjonali għall-perjodu ta' qabel l-2000, billi għal dak il-perjodu ma kinitx disponibbli sistema ta' kontijiet separati. Skont l-istimi, mill-1987 sal-2003, ir-redditu mistenni fuq il-kapital proprju investit fis-servizzi tal-linja kellu jkun ta' bejn l-20 % u t-36 %. Billi l-kumpens annwali ma tħallasx fis-snin li għalihom kien ikkalkulat, l-istudju kkalkula l-valur preżenti nett (NPV) tiegħu. Għal aktar dettalji dwar il-metodoloġija użata f'dan il-kalkolu inizjali, ara d-deċiżjoni tal-ftuħ.

([9]) Skont l-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv nru 285/2005, li ħassar il-liġi nru 1822/39, il-konċessjonijiet għas-servizzi tal-linja mogħtija skont il-liġi nru 1822/1939 jistgħu jittawlu sa tmiem l-2013.

— l-impossibbiltà li tiġi sostitwita s-sistema ta' separazzjoni tal-kontijiet b'sistemi oħra ta' kontabilità, li s'issa għadhom ma wrewx li jippermettu l-identifikazzjoni preċiża tal-elementi kollha tal-ispejjeż u d-dħul;

— f'dak li jirrigwarda s-snin li għalihom hija disponibbli dejta tal-kontabilità analitika (tnejn biss, jiġifieri l-2002 u l-2003): id-dokumenti annessi mal-bilanċi (noti dwar il-bilanċi u rapport dwar l-operazzjonijiet) ma jagħmlu l-ebda referenza għal din id-dejta. Dan jissuġġerixxi li l-kontabilità analitika ma' ġietx użata mill-korpi ta' governanza korporattiva bħala għodda għall-kontroll tal-attività tal-impriża;

— in-nuqqas ta' parametri determinati minn qabel biex jiġi kkalkulat il-kumpens;

— in-nuqqas ta' identifikazzjoni, min-naħa tal-kumpanija, ta' obbligi ta' servizz pubbliku preċiżi, speċifiċi u inekwivokabbli (fir-rigward tat-tipi identifikati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni) għar-rotot individwali;

— in-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-"iżvantaġġ ekonomiku" li jirriżulta minn dawn l-obbligi;

— in-nuqqas ta' evidenza ta' ħsara mġarrba minn Simet, li kellha l-obbligu li tipprovdi tali evidenza fil-proċedimenti li wasslu għas-sentenza 1405/2010.

(21) Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet, ir-rapport tal-minoranza jikkonkludi li mhijiex disponibbli dejta ċerta għall-kalkolu tal-kumpens ipprovdut mis-sentenza 1405/2010 u għalhekk mhuwa possibbli li jiġi stabbilit l-ebda ammont.

### 2.7. IR-RAPPORT TAL-MAĠĠORANZA

(22) Ir-rapport tal-maġġoranza juża din il-metodoloġija li ġejja għall-kalkolu tal-kumpens dovut lil Simet:

#### 2.7.1. **Element ta' kumpens ibbażat fuq id-differenza bejn l-ispejjeż tal-operat u d-dħul**

##### 2.7.1.1. *Metodu għall-istima tad-dħul*

(23) Għas-snin mill-1987 sal-1992 u mill-2002 sal-2003, l-esperti estrapolaw id-dħul li rriżulta mis-servizzi bi skeda direttament mill-kontijiet finanzjarji. Għall-perjodu 1993-2001, l-esperti użaw id-dokumentazzjoni ta' Simet fuq id-dħul peress li, għall-perjodu kkonċernat, il-kontijiet finanzjarji ma jipprovdux informazzjoni dettaljata fuq id-dħul minn dak is-servizz ([10]). Fuq il-bażi ta' dawn il-kalkoli, id-dħul totali għall-perjodu 1987-2003 kien stabbilit għal EUR 57 213 440.

##### 2.7.1.2. *Metodu għall-istima tal-ispejjeż ta' servizzi ta' karozzi tal-linja*

(24) Għall-perjodu 1987-1992, billi ma kinux disponibbli kontijiet analitiċi, l-esperti qasmu l-ispejjeż tas-servizz bi skeda ta' trasport interreġjonali fuq il-bażi ta' dħul iġġenerat minn dawn is-servizzi matul dak il-perjodu. Dwar l-ammont totali tal-ispejjeż, l-esperti ħaduhom minn kull wieħed mill-baġits annwali. Għaldaqstant, biex jiddefinixxxu l-ispejjeż tal-operat biss, naqqsu mill-ispejjeż totali l-ispejjeż kollha li mhumiex dawk tal-operat, jiġifieri: l-imgħaxijiet, il-piżijiet finanzjarji, it-telf miċ-ċessjoni ta' assi, telf u spejjeż varji, taxxi diretti u r-residwu finali. Fl-aħħar nett, l-ispejjeż operatorji attribwibbli għas-servizz bi skeda għat-trasport interreġjonali ġew iddeterminati fuq il-bażi tal-perċentwal tad-dħul iġġenerat mill-istess servizzi bi skeda.

(25) Għall-perjodu 1993-2001, Simet bidlet il-preżentazzjoni tad-dejta fil-bilanċi annwali tagħha ([11]). B'konsegwenza ta' dan, għal dawk is-snin, il-konsulenti naqqsu mill-bilanċ annwali tal-kumpanija l-valur tal-ispejjeż tal-eżerċizzju totali, li kienu s-somma alġebrajka tal-elementi li ġejjin ta' spejjeż tal-produzzjoni: materjali sussidjarji u tal-konsum, servizzi esterni, użu ta' proprjetà ta' terzi, persunal, amortizzazzjoni u deprezzament, varjazzjonijiet fil-ħażniet tal-materji primi, sussidjarji u tal-konsum, u spejjeż diversi tal-ġestjoni. L-ispejjeż operattivi attribwibbli għas-servizzi bi skeda ġew għalhekk stabbiliti fuq il-bażi tal-perċentwal tad-dħul iġġenerat minn dawn l-istess servizzi bi skeda (bħal fil-perjodu 1987-1992). Għas-snin 2000 u 2001, għalkemm ġiet applikata l-kontabbiltà analitika, id-dokumenti inkwistjoni ma kinux eżawrjenti, li hija r-raġuni għaliex ġie deċiż li jintuża l-istess metodu tas-snin preċedenti biex jiġu definiti l-ispejjeż tas-servizzi bi skeda.

([10]) Apparentament, fuq il-bażi tal-emendi tar-raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji (ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11).).

([11]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

(26) Għas-snin 2002 u 2003 kienet disponibbli dejta tal-kontabilità analitika. Għalhekk il-konsulenti firdu l-ispejjeż f'dawn il-kategoriji li ġejjin: i) spejjeż li jirrigwardaw il-kilometraġġ; ii) spejjeż li għandhom jiġu allokati direttament għas-servizzi bi skeda; iii) spejjeż li għandhom jiġu allokati fuq il-bażi tal-fatturat.

— L-ewwel kategorija ta' spejjeż tinkludi l-ispejjeż relatati mal-karburant, iż-żejt tal-magni, tajers, spare parts, xogħlijiet esterni, ħasil ta' vetturi, ħlas tal-motorway, il-manutenzjoni obbligatorja ta' vetturi, il-kiri u deprezzar tal-assi. Kull wieħed minn dawn l-elementi tal-kost kien diviż bl-għadd totali ta' kilometri vvjaġġati u l-ispiża għal kull kilometru ġiet imbagħad immultiplikata bin-numru ta' kilometri koperti biss mis-servizzi bi skeda.

— It-tieni kategorija ta' spejjeż tinkludi dawk l-elementi ta' spejjeż li, fuq il-bażi tal-kontijiet analitiċi, huma attribwibbli direttament għas-servizzi bi skeda interreġjonali. Dawn jinkludu: l-impjiegi diretti, ir-rimi ta' skart, il-kummissjonijiet, il-ħlasijiet varji, il-ħlas għall-parkeġġ, il-kiri ta' vetturi ta' partijiet terzi għal servizzi bi skeda, ix-xiri għas-servizzi abbord, ir-rimborż ta' spejjeż tal-persunal ta' abbord.

— It-tielet kategorija ta' spejjeż tinkludi "l-ispejjeż indiretti" u tinkludi l-ispejjeż indiretti tax-xogħol, l-ispejjeż fissi, l-assigurazzjoni ta' karozzi tal-linja, it-taxxa fuq il-proprjetà ta' vetturi, il-kiri ta' postijiet. Dawn l-ispejjeż ġew allokati fuq il-bażi tal-perċentwal tad-dħul iġġenerat mill-istess servizzi bi skeda.

(27) Ladarba magħduda ċ-ċifri hekk ikkalkulati għal kull perjodu indikat hawn fuq, l-ispejjeż totali relatati ma' servizzi għall-perjodu 1987-2003, ġew stabbiliti li huma ta' EUR 59 510 413.

(28) Konsegwentement, wara li jitnaqqsu dawn l-ispejjeż mid-dħul mis-servizz bi skeda, ir-rapport tal-maġġoranza jikkalkula telf operattiv ta' EUR 2 296 973 għall-perjodu 1987-2003.

2.7.2. **Fattur ta' kumpens dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat ir-redditu fuq il-kapital użat:**

(29) Għal kull sena in kwistjoni, il-konsulenti ddeterminatiw il-kapital użat bħala s-somma ta' dawn il-fatturi li ġejjin:

— il-kapital proprju (E), li l-valur tiegħu huwa meħud mill-bilanċi annwali, meta wieħed jikkunsidra l-ekwità tal-kumpanija,

— id-dejn (D). Il-konsulenti kkunsidraw bħala kapital ta' self biss id-dejn finanzjarju, jiġifieri d-djun lill-banek u finanzjaturi oħrajn.

(30) Il-formola "Kost medju peżat tal-kapital (WACC) hija meħuda bħala bażi għad-determinazzjoni tar-rata tar-redditu fuq il-kapital użat:

$$WACC = \frac{E}{V} * Re + \frac{D}{V} * Rd * (1 - T_c)$$

Fejn:

Re = rata ta' redditu mistennija fuq l-ekwità;

Rd = il-kost tad-dejn; E = l-ekwità tal-azjenda;

D = id-dejn tal-azjenda; V = E + D;

E/V = persentaġġ tal-finanzjament li jikkonsisti f'ekwità;

D/V = persentaġġ tal-finanzjament li jikkonsisti f'dejn;

Tc = rata tat-taxxa korporattiva

(31) Ir-redditu mistenni fuq l-ekwità ġie kkalkulat skont il-mudell għall-ipprezzar ta' assi finanzjarji, mudell li jiddeskrivi r-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu:

$$\overline{r_a} = r_f + \beta_a(\overline{r_m} - r_f)$$

Where:

$r_f$ = Risk free rate

$\beta_a$ = Bata of the security

$\overline{r_m}$ = Expected market return

(32) Ir-rata tal-imgħax tal-bonds tal-gvern ta' 10 snin, kif miksuba mill-istatistika nazzjonali, tintuża bħala referenza għal rata mingħajr riskju ($r_f$).

(33) Il-konsulenti kkonkludew li, għal dawk is-snin għal liema kellu jiġi vvalutat il-kumpens, l-investituri li investew f'ishma pjuttost milli f'titoli mobiljari mingħajr riskju fis-suq Taljan ([12]) kienu qed jitolbu primjum tar-riskju ($r_m$-$r_f$) medju ta' 5,8 %.

(34) Il-koeffiċjent Beta ([13]) tal-ishma tal-kapital Simet ġie kkalkulat bit-teħid tal-valur beta mingħajr ingranaġġ ([14]) ta' 0,39 għas-servizz ta' karozzi tal-linja u s-settur tat-trasport ([15]). Sussegwentement, il-valur beta kien aġġustat għall-istruttura finanzjarja kkomunikata mill-kumpanija għal kull sena:

$$\textit{Beta Levered} = \text{Beta Unlevered} \times \{1 + [(1 - \text{Rata fiskali}) \times (\text{Dejn/Ekwità})]\}$$

(35) Mill-1987 sal-1994, ir-rata tat-taxxa applikata fuq il-kumpaniji Taljani kienet ta' 36 %, mill-1995 sal-2000 kienet ta' 37 % u mill-2001 sal-2002 kienet ta' 36 %.

(36) Skont dawn il-konsulenti, ir-remunerazzjoni tal-kapital użat tindika l-ammont ta' kumpens li Simet għandha tirċievi wara t-taxxa. Minħabba li l-kumpens se jkun suġġett għat-taxxa, għandu jkun aġġustat kif ġej:

$$\textit{Remunerazzjoni grossa ta' qabel it} - \textit{taxxa} = \text{Remunerazzjoni wara t} - \text{taxxa} \div (1 - \text{ir} - \text{rata tat} - \text{taxxa korporattiva})$$

(37) Skont dawn il-formuli, il-konsulenti kkalkulaw li r-remunerazzjoni dovuta fuq il-kapital impjegat minn Simet huwa ta' EUR 5 948 150.

(38) Għalhekk, l-ammont totali ta' kumpens ikkalkulat mill-esperti qabel l-applikazzjoni tal-imgħax fuq l-arretrati għandu jkun ta' EUR 8 245 124 (kumpens fuq it-telf operazzjonali u redditu fuq il-kapital użat).

### 2.7.3. **Il-kalkolu tal-imgħax fuq l-arretrati**

(39) Billi l-ammonti ta' kumpens ikkalkulati qabel ma tħallsux fis-snin li għalihom kienu dovuti, il-konsulenti rrevedew dawn l-ammonti 'l fuq hekk kif ġej:

— l-ammonti kkalkulati inizjalment kienu valutati mill-ġdid abbażi tal-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur ipprovdut mill-ISTAT sa Lulju 2012;

— sussegwentement, ġew implimentati l-interessi statutorji fuq l-ammonti miksuba.

(40) Għalhekk, il-bord ta' konsulenza wasal għal kumpens totali ta' EUR 22 049 796.

### 2.7.4. **Rimarki oħra, inklużi fir-rapport tal-maġġoranza**

(41) Skont ir-rapport tal-maġġoranza, il-kumpens mogħti mill-Kunsill tal-Istat ma jirrigwardax l-applikazzjoni diretta tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, jiġifieri konċessjoni diretta - ukoll jekk retroattiva - tal-kumpens fis-sens ta' dak ir-regolament. Għall-kuntrarju, huwa jsostni li l-Kunsill tal-Istat ippropona l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dak ir-Regolament dwar metodi komuni ta' kumpens, biex tiġi evalwata l-ħsara mġarrba minn Simet wara t-tkabbir illegali tal-missjoni ta' servizz pubbliku tagħha matul iż-żmien.

(42) Ir-rapport tal-maġġoranza josserva wkoll li, fil-każijiet fejn il-Kummissjoni ma qisietx li kellha tapplika r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 biex tivvaluta l-kumpens tas-servizz pubbliku, ta' spiss approvat tali kumpens bl-applikazzjoni tal-analoġija tal-qafas tal-għajnuna mill-Istat taħt forma ta' obbligi tas-servizz pubbliku. Il-kriterju ewlieni għall-Kummissjoni kien li l-ammont ta' kumpens ma jaqbiżx dak li kien meħtieġ biex jitkoprew l-ispejjeż għall-eżekuzzjoni ta' dawk l-obbligi. Fir-rigward tar-riskju ta' kumpens żejjed fil-każ preżenti, ir-rapport tal-maġġoranza jistqarr li, billi l-eżerċizzju mwettaq jirrigwarda l-kalkolu *ex post* tal-ispejjeż li effettivament iġġarrbu fil-passat mill-kumpanija biex tipprovdi s-servizzi bi skeda mitluba, fil-kalkoli tagħha ma hemmx l-inċertezzi marbuta ma' kwalunkwe valutazzjoni pronostika meta l-kumpens ikun determinat *ex-ante*. Bħala konsegwenza, il-kwistjoni ta' kumpens żejjed ma teżistix.

([12]) Din il-figura ħarġet minn database li żviluppa l-Prof. A. Damodaran. Ara www.damodaran.com
([13]) Miżura tal-volatilità, jew tar-riskju sistematiku, ta' titolu tad-dejn jew ta' portafoll meta mqabbel mas-suq kollu.
([14]) *Beta unlevered* = koeffiċjent beta tal-kumpanija mingħajr l-ebda dejn.
([15]) Din iċ-ċifra ħarġet minn bażi tad-dejta li żviluppa l-Prof. A. Damodaran. Ara www.damodaran.com, "karozzi u trakkijiet".

(43) Ir-rapport tal-maġġoranza jfakkar ukoll li ma kinitx disponibbli sistema ta' separazzjoni tal-kontijiet u jiddikjara li s-separazzjoni tal-kontijiet tapplika għal dawk l-impriżi li jirċievu kumpens għall-forniment ta' servizz pubbliku sabiex jiġi evitat l-użu indebitu ta' dawn il-fondi għal attivitajiet oħra tal-azjenda. Madankollu, f'dan il-każ l-ebda riżorsi pubbliċi ma ġew trasferiti mingħand Simet bħala kumpens għall-forniment ta' servizz pubbliku, ir-rekwiżit tas-separazzjoni tal-kontijiet ma għandux jitqies bħala raġuni biex jiġi rrifjutat il-ħlas ta' kumpens mogħti mill-Kunsill tal-Istat.

(44) Ir-rapport tal-maġġoranza jinnota wkoll li, għas-snin 2002 u 2003, meta kienu disponibbli kontijiet analitiċi, it-telf operattiv effettiv kien essenzjalment l-istess bħal dak ibbażat fuq il-metodoloġija użata għas-snin ta' qabel, skont liema l-ispejjeż tas-servizz bi skeda kienu mqassma fuq it-trasport interreġjonali fuq il-bażi tad-dħul iġġenerat minn dawn is-servizzi (iċ-ċifri kienu jvarjaw biss bi 2,6 %). Għalhekk, il-konsulenti jemmnu li n-nuqqas ta' disponibilità ta' kontijiet analitiċi għall-perjodu preċedenti ma għandu jkollu l-ebda relevanza prattika għall-għoti ta' kumpens.

## 3. **RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA**

(45) Kif indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni kellha bosta dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura nnotifikata mas-suq intern.

(46) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-possibbiltà li l-miżura notifikata tiġi klassifikata bħala miżura li ma tikkostitwix għajnuna u, b'mod partikolari, dwar l-erba' kundizzjonijiet stipulati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza *Altmark* ([16]).

(47) It-tieni, il-Kummissjoni qajmet il-kwistjoni tal-qafas legali applikabbli. Billi l-kumpens applikat mill-Kunsill tal-Istat kien jikkonċerna allegati obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Simet għas-snin mill-1987 sal-2003 iżda li kienu għadhom mhux imħallsa, il-kwistjoni qamet dwar jekk għandux ikun japplika r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jew ir-Regolament (KE) nru 1370/2007 fil-każ ikkonċernat.

(48) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li r-Regolament (KEE) nru 1191/69 ikun applikabbli fil-każ li jista' jintwera li obbligu ta' servizz pubbliku effettivament kien impost b'mod unilaterali fuq Simet mill-awtoritajiet Taljani u li l-kumpens propost jirrispetta r-rekwiżiti kollha ta' dak ir-Regolament. Fil-fatt, skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) nru 1191/69, kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku imposti unilateralment fuq kumpanija f'konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eżenti mill-proċedura ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni. Madankollu, jekk jiġi ppruvat li l-ebda waħda miż-żewġ kundizzjonijiet ma huma ssodisfati, ikun meħtieġ li tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tal-miżura nnotifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

(49) It-tielet, jekk wieħed jassumi li l-kumpens applikat mill-Kunsill tal-Istat hu fil-fatt ir-riżultat ta' impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, il-Kummissjoni tiddubita, fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha, kemm il-kumpens kien skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Minbarra dan, il-Kummissjoni tiddubita dwar kemm hu xieraq li jiġi applikat il-metodu komuni tal-kumpens stabbilit fir-Regolament (KEE) nru 1191/69, applikabbli għall-obbligi ta' servizz pubbliku imposti unilateralment għas-snin ta' wara l-1992, billi, sa minn Lulju 1992, is-servizzi tax-xarabank interreġjonali ma setgħux ikunu suġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku imposti unilateralment ([17]).

(50) Ir-raba', jekk investigazzjonijiet ulterjuri kellhom jikkonfermaw li mill-anqas waħda mill-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni min-notifika, skont ir-Regolament (KE) Nru 1191/69, ma ġietx issodisfata u li jkun neċessarju li ssir valutazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, il-Kummissjoni jkollha dubji dwar ir-rispett tal-kundizzjonijiet ta' dak ir-Regolament fil-każ ikkonċernat.

(51) Fi kwalunkwe każ, irrispettivament mill-bażi legali applikata, il-Kummissjoni tiddubita li l-kumpens applikat mill-Kunsill tal-Istat jeskludi l-possibbiltà ta' kumpens żejjed. Il-Kummissjoni nnutat in-nuqqas, mill-inqas sal-2000 ([18]), ta' separazzjoni effettiva tal-kontijiet minn Simet u esprimiet dubji dwar il-possibbiltà li jiġu stabbiliti b'mod eżatt wara l-fatt spejjeż relatati ma' servizz bi skeda, u kkontestat ukoll l-adegwatezza tar-redditu mistenni fuq il-kapital azzjonarju użat fil-kalkoli għall-finijiet tal-kumpens.

---

([16]) Kawża C-280/00, *Altmark Trans/Regierungsprasidium Magdeburg*, [2003] Ġabra I-7747.

([17]) Ara l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) nru 1191/69, kif immodifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) nru 1893/91, tal-20 ta' Ġunju 1991, li jemenda r-Regolament (KEE) nru 1191/69 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 169, 29.6.1991, p. 1).

([18]) Sal-2000 ma ġiet adottata ebda separazzjoni tal-kontijiet.

4. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

(52) Fid-dokumenti mibgħuta, l-awtoritajiet Taljani jqisu li l-miżura notifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, b'mod partikolari minħabba li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza *Altmark*. Skont l-awtoritajiet Taljani, barra minn hekk, il-kumpens mogħti mill-Kunsill tal-Istat ma kienx konformi la mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u lanqas mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007.

(53) L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw il-fatt li matul il-perjodu kkunsidrat la kien hemm impożizzjoni unilaterali u lanqas waħda kuntrattwali ta' obbligi ta' servizz pubbliku għas-servizzi tat-trasport interreġjonali bix-xarabank. L-istrument ġuridku li jirregola r-relazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-impriżi privati li jipprovdu servizzi tat-trasport tal-passiġġieri jikkonsisti f'numru ta' miżuri unilaterali ta' konċessjoni, li fuq il-bażi tagħhom, l-awtorità pubblika ttrasferiet lill-privat id-dritt legali tagħha li topera servizzi tat-trasport għal klijenti mhux differenzjati, oriġinarjament allokat lill-Istat mil-Liġi nru 1822/39.

(54) L-awtoritajiet Taljani ħadu nota wkoll li l-ispeċifikazzjoni tal-konċessjoni maħruġa mill-Ministeru fuq talba tal-kumpanija ddikjarat b'mod ċar li s-servizz huwa eżerċitat għar-riskju tal-impriża operatriċi, ħlief għall-garanzija ta' drittijiet esklussivi li eżistiet matul il-perjodu kkunsidrat. It-tħaddim tas-servizz ma kien jagħti dritt għall-ebda tip ta' benefiċċji jew kumpens. Dawn il-konċessjonijiet kienu ta' natura temporanja u ġew imġedda kull sena fuq talba tal-kumpanija. Il-liċenzji kienu suġġetti għal għadd kbir ta' bidliet minn sena għal oħra fir-rigward tar-rotot, il-postijiet tat-tagħbija, l-għadd ta' vjaġġi eċċ., skont it-talbiet speċifiċi li saru mill-kumpaniji.

(55) Fir-rigward tal-limitu massimu fuq it-tariffi, fis-seħħ sal-2001, li dwaru titkellem id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċediment, l-awtoritajiet Taljani indikaw li dan kien applikat fil-pajjiż kollu u mhux biss f'żona ġeografika partikolari. Huma nnutaw ukoll li, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) nru 1191/69, din kienet miżura li tirrigwarda l-politika dwar il-prezzijiet, imma ma kenitx tikkostitwixxi obbligu tariffarju suġġett għal kumpens obbligatorju fis-sens tar-Regolament.

(56) Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Taljani, minn Lulju 1992 ([19]), l-impożizzjoni unilaterali tas-servizz pubbliku għas-servizzi interreġjonali bix-xarabank ma kenitx lanqas permessa mir-Regolament (KEE) nru 1191/69. L-Artikolu 1(5) ta' dak ir-Regolament jippermetti impożizzjonijiet unilaterali biss għal servizzi urbani, extraurbani u reġjonali.

(57) Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet Taljani ppreċiżaw li Simet qatt ma talbet it-tħassir tal-obbligu ta' servizz pubbliku, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, talba li din tqis bħala prerekwiżit biex tiġi affermata l-eżistenza tal-obbligi kkonċernati. It-talba magħmula minn Simet lill-Ministeru fl-1999 ([20]) kienet talba ġenerika għal kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku li allegatament kienu imposti mill-konċessjonijiet previsti għas-snin mill-1987. L-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li din it-talba ma kenitx tindika liema obbligi ta' servizz pubbliku għandhom jitħassru sabiex tiġi żgurata profittabilità xierqa għas-servizzi interreġjonali bi skeda.

(58) B'konsegwenza ta' dan, l-awtoritajiet Taljani kkonkludew li Simet ma wrietx li refgħet l-obbligi ta' servizz pubbliku (fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69), u b'mod partikolari ma wrietx liema obbligi speċifiċi u preċiżi li topera u li tittrasporta u fir-rigward tat-tariffi kienet soġġetta għalihom. Skont l-awtoritajiet Taljani, Simet uriet biss li kienet wettqet, fuq il-bażi ta' konċessjonijiet statali mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tal-impriża, bosta servizzi universali ta' trasport. L-għoti ta' servizzi universali ta' trasport lil Simet minnu nnifsu ma jippruvax li din tal-aħħar refgħet xi obbligu ta' servizz pubbliku fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

(59) L-awtoritajiet Taljani josservaw ukoll li, fil-parti l-kbira tal-perjodu kkunsidrat (1987-2001), Simet ma implimentatx separazzjoni effettiva tal-kontijiet kif previst fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ([21]). Għalhekk, ma kienx possibbli li wieħed jikkalkula l-ispejjeż addizzjonali netti li joħorġu mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 mhumiex issodisfati.

(60) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Taljani osservaw li l-Ministeru kompetenti ma stabbilixxa minn qabel l-ebda somma ta' kumpens, kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, billi ma impona l-ebda obbligu ta' servizz pubbliku fuq Simet. Fil-każ preżenti, il-kumpens dovut lil Simet ġie kkalkulat biss fuq il-bażi ta' evalwazzjoni wara l-fatt.

([19]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KEE) Nru 1893/91.
([20]) Ittra ta' Simet tat-22 ta' Ottubru 1999, referenza 175/99.
([21]) Sal-2000 ma kienet teżisti l-ebda separazzjoni tal-kontijiet.

(61) L-awtoritajiet Taljani jsostnu li valutazzjoni effettwata skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tqajjem essenzjalment l-istess kwistjonijiet (inkluż in-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku, in-nuqqas ta' parametri oġġettivi, bil-quddiem, li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens, in-nuqqas ta' sistema tas-separazzjoni tal-kontijiet, eċċ.) bħal valutazzjoni mwettqa skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69. F'dak li jirrigwarda l-kunċett tal-"profitt raġonevoli" stabbilit fl-anness tar-Regolament (KEE) Nru 1370/2007, l-awtoritajiet Taljani jqisu bħala esaġerata r-rata tar-redditu proposta minn Simet fir-rapport inizjali għal sitwazzjoni fejn il-kumpens ikun stabbilit ex post u jkun eliminat ir-riskju ta' spejjeż/telf mhux previst.

(62) L-awtoritajiet Taljani ssottoskrivew il-konklużjonijiet kollha tar-rapport tal-minoranza, skont liema ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat l-ammont tal-kumpens. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet Taljani jqisu li hemm xi żbalji materjali u metodoloġiċi fir-rapport tal-maġġoranza. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani jiddubitaw kemm hu adattat il-metodu bbażat fuq ipoteżi li kien użat f'dan ir-rapport biex ikunu stmati l-ispejjeż operattivi netti allegati tal-eżerċizzju li jirriżultaw mill-obbligi preżunti ta' servizz pubbliku u, bl-istess mod, jikkontestaw il-fatt li r-rapport:

— ma llimitax l-ammont tal-kapital użat għall-kapital attribwibbli għall-obbligi ta' servizz pubbliku iżda qies il-kapital kollu użat biex jikkalkula l-kumpens. Fi kliem ieħor, il-kapital użat għal attivitajiet oħra tal-kumpanija bħal aġenziji tal-ivvjaġġar, servizzi internazzjonali, kiri ta' xarabanks b'sewwieq ma ġiex eskluż minn dawn il-kalkoli;

— jinkludi primjum tar-riskju ogħla minn 100 punt bażi biex jiddetermina r-redditu mistenni fuq il-kapital. Dan jidher li mhux xieraq għal kumpens ikkalkulat *ex-post*;

— ma jikkalkulax b'mod adegwat l-interessi f'dak li għandu x'jaqsam mal-fatt li l-ammonti ta' kumpens ma tħallsux f'dawk is-snin li għalihom ġew determinati. B'mod partikolari, il-konsulenti nnominati mill-Kunsill tal-Istat applikaw interessi statutorji fuq ammonti kompletament rivalutati għall-2012 u mhux fuq iċ-ċifri oriġinali kif kien ikun xieraq.

## 5. KUMMENTI MINN PARTIJIET TERZI

(63) L-unika parti terza li ressqet kummenti b'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ kienet Simet, il-benefiċjarju potenzjali tal-miżura nnotifikata. Fis-sottomissjonijiet tagħha, Simet ma qablitx mal-pożizzjoni preliminari adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

(64) Biex tirfed l-istqarrija tagħha li ġew imposti fuqha obbligi, Simet ippreżentat il-konċessjonijiet mogħtija lilha għall-vjaġġi suġġetti għall-proċediment ġuridiku. Skont Simet, ir-rekwiżiti stabbiliti minn dawn il-konċessjonijiet kienu jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar it-tariffi, l-obbligi tal-vjaġġ, il-waqfiet tal-linja li għandhom jiġu servuti, il-frekwenza tal-vjaġġi u s-sigħat tax-xogħol u l-kundizzjonijiet li jirregolaw it-trasport tal-bagalji tal-passiġġieri u t-trasport b'xejn tal-ittri ordinarji għas-servizzi postali, u l-effetti postali b'miżata skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dan it-tip ta' trasport. Il-konċessjonijiet kienu jistipulaw ukoll li l-kumpanija tikkomunika kull tip ta' perturbazzjoni, aċċident jew modifika tal-arranġamenti għall-forniment ta' servizzi pprovduti, kif ukoll l-obbligu li jinħarġu biljetti għall-passiġġieri, bagalji u pakketti agrikoli u li jinżammu r-reġistri relevanti għal ħames snin. Bl-istess mod, Simet kellha tikseb awtorizzazzjoni minn qabel mill-uffiċċji provinċjali tal-vetturi ċivili bil-mutur tal-Ministeru fuq it-tip u l-karatteristiċi tax-xarabanks li kellhom jintużaw għas-servizzi suġġetti għal konċessjonijiet kif ukoll għall-forniment ta' servizzi oħra.

(65) Simet ippreżentat ukoll dawk li, fil-fehma tagħha, kienu r-rifjuti totali jew parzjali, espressi mill-Ministeru għat-talbiet għal modifikazzjoni tal-arranġamenti għall-forniment tas-servizzi pprovduti minnha. B'mod partikolari, rigward il-perjodu kkonċernat, Simet ippreżentat rifjuti (parzjali) dwar ([22]):

— l-applikazzjonijiet għal waqfiet ġodda tal-karozzi tal-linja ma' dawk diġà eżistenti fis-servizzi bi skeda li joperaw fuq ir-rotta Rossano-Napli (1992), fuq ir-rotta Cariati-Milan (1995), fuq ir-rotta Cosenza-Firenze, (1999), u fuq ir-rotot Cosenza-Firenze u Cosenza-Pisa (2000) u fl-aħħar nett fuq ir-rotta San Giovanni-Milan (2003);

— applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' servizzi bi skeda ġodda fuq ir-rotta Cosenza-Napli (2000).

([22]) Il-Kummissjoni ma eżaminatx dokumentazzjoni oħra li ma kenitx tirrigwarda l-perjodu kopert mid-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Istat.

(66) Simet tqis li dawn iċ-ċaħdiet jippruvaw in-natura unilaterali tal-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku mill-awtoritajiet Taljani. Simet issostni wkoll li l-awtoritajiet ma ppermettewx li jiġu "ottimizzati" s-servizzi ta' ġarr permezz tal-espansjoni u d-diversifikazzjoni tas-servizzi. Ir-rotot li kienet topera l-kumpanija kienu "ffriżati" u baqgħu marbuta b'deċiżjonijiet ministerjali, għalkemm ikklassifikati formalment bħala "attivitajiet azjendali".

(67) Simet ma taqbilx mad-dikjarazzjoni fil-punt 16 tad-deċiżjoni tal-ftuħ li t-tariffi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni annwali kienu dawk proposti mill-kumpanija. Inizjalment, it-tariffi tal-linja fuq distanzi twal kellhom ikunu simili għal dawk tat-trasport ferrovjarju tat-tieni klassi, kif evidenzjat inter alia minn memorandum Ministerjali tad-19 ta' Diċembru 1988 (D.C. III Div 32 nru 3846), skont liema "*billi ħafna kumpaniji li joperaw rotot tal-linja taħt ir-responsabbiltà tal-Istat ressqu talbiet biex jiksbu ż-żieda tat-tariffi; Billi fil-perjodu l-iktar riċenti ma nħarġux aktar dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-tariffi; sakemm ikun hemm direttivi ġodda […] huwa deċiż li [l-uffiċċji reġjonali] jawtorizzaw direttament lill-operaturi sabiex jeffettwaw fit-tħaddim tar-rotot tal-linja tagħhom żieda fit-tariffa sakemm tintlaħaq dik ipprattikata mill-Ente Ferrovie dello Stato (FS) fit-II klassi ferrovjarja flimkien ma' suppliment tal-veloċità f'każ ta' rotot tal-linja li jgħaddu minn awtostradi [bħalma hu l-każ fil-każ preżenti]; […] ovvjament ma trid issir l-ebda żieda fit-tariffi għal dawk ir-rotot tal-linja li għalihom diġà hija fis-seħħ it-tariffa msemmija.*" Skont Simet, dawn il-passi juru li ma ġiex permess lilha li tiffissa tariffi ogħla minn dawk ipprattikati mill-Ente Ferrovie dello Stato (FS) fit-tieni klassi ferrovjarja (jiġifieri t-tariffa l-aktar baxxa applikata mill-Ferrovie dello Stato). Għalhekk il-kumpanija ma setgħetx tikseb żieda fid-dħul mill-attività tagħha, peress li l-Istat kien essenzjalment qiegħed jimmira li jikseb ħtiġijiet u għanijiet kollettivi.

(68) Fiċ-ċirkolari tal-Ministeru prot. n. A/7302 tat-3 ta' Lulju 1992, ġie ddikjarat li, għal dik is-sena, iż-żieda li ngħatat għar-rotot tal-linja taħt ir-responsabbiltà tal-Istat kienet ta' 6,1 %. Skont Simet, iċ-ċirkulari, li biha l-Ministeru awtorizza żieda ta' tariffa biss għall-adattament tal-ISTAT, tikkonferma n-nuqqas ta' possibilità għall-kumpanija li tapplika indipendentement it-tariffi kkunsidrati l-aktar xierqa. Minbarra dan, Simet iddikjarat li miċ-ċirkolari nru 3/02 tal-5 ta' April 2002 jirriżulta, fil-punt 2, li fil-kuntest tal-istruzzjonijiet dwar il-modalitajiet għall-konverżjoni tal-ħlasijiet mil-lira għall-euro, il-Ministeru kkonferma li t-tariffi kkontestati kienu rati u prezzijiet "regolamentati".

(69) Fl-aħħar nett, mill-konċessjonijiet maħruġa mill-Ministeru, jidher li t-tariffa hija "stabbilita", jiġifieri ddeterminata b'awtorità mill-amministrazzjoni. Billi din mhix sempliċi "awtorizzazzjoni" iżda "konċessjoni", fl-ispeċifikazzjonijiet relevanti huwa spjegat espressament li hija rregolamentata mill-klawsoli stabbiliti fiha, u minn dawk li jistgħu jiddaħħlu suċċessivament" u li "l-Awtorità Kontraenti tista' tirtira f'kull waqt il-konċessjoni mingħajr ma l-operatur ikun jista' jkollu xi tip ta' pretensjoni". Fil-punt 6 ta' kull waħda mill-ispeċifikazzjonijiet huwa msemmi espressament li l-prospetti tal-iskedi u t-tariffi huma dawk approvati mill-uffiċju provinċjali tal-vetturi ċivili bil-mutur tal-Ministeru. Simet qalet li ma setgħetx, billi l-iffissar tat-tarriffi jimpedixxi l-elastiċità tas-servizzi offruti lill-utenti, la tirrispondi għad-domanda tas-suq, u lanqas tissodisfa l-ħtiġijiet tagħha stess bil-mod kif qieset l-aktar xieraq.

(70) Minħabba l-obbligu li tapplika t-tariffi imposti fuqha, Simet tiddikjara li ma setgħetx timplimenta dawk il-politiki tal-prezzijiet li normalment kienu jiġu implimentati minn kumpanija f'suq kompetittiv, modern u miftuħ. Min-naħa l-waħda, Simet ippreżentat il-fatt li l-livell ta' ħlasijiet imposti mill-Ministeru (ekwivalenza mat-tariffa mitluba mill-Ente Ferrovie dello Stato fit-tieni klassi ferrovjarja) tant huwa baxx li l-kumpanija ma setgħetx tkopri l-ispejjeż tal-operazzjoni tas-servizzi tal-linja. Min-naħa l-oħra, dawn il-miżuri ppermettew lill-Istat biex joffri appoġġ mhux ġustifikat lil Ferrovie dello Stato, minħabba li operaturi ta' servizz ta' rotot tal-linja interreġjonali bħal Simet, ma tħallewx japplikaw rati aktar baxxi minn dawk applikati minn dik il-kumpanija għal biljett tat-tieni klassi b'suppliment għall-veloċità. Ferrovie dello Stato kienet ukoll ivvantaġġata mill-fatt li Simet u kumpaniji oħra li jipprovdu servizzi simili ġew irrifjutati sussidji.

(71) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, Simet issostni li l-konċessjonijiet mogħtija mill-Ministeru u d-deċiżjonijiet suċċessivi li jirrifjuta t-talbiet li jsiru modifiki għar-rotot juru li dawn il-konċessjonijiet jissodisfaw il-kriterji tal-kuntratt ta' servizz fis-sens tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 billi jistipulaw obbligi fir-rigward tar-rotot, waqfiet, tariffi, ġarr b'xejn ta' ittri ordinarji għas-servizzi postali u posta oħra għat-tariffa stabbilita mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw dan it-tip ta' trasport.

(72) Ukoll jekk wieħed jassumi li r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ma jipprovdix għal dritt għal kumpens għall-konċessjonarji tas-servizzi interreġjonali, kif sostna l-Ministeru, Simet issostni li dan ifisser li s-servizz ġie liberalizzat u, skont dan, l-amministrazzjoni ma setgħetx timponi xi obbligi tan-negozju, b'mod partikolari rigward tariffi. Simet għalhekk issostni li l-Ministeru kiser il-liġi u li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikolu 35 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 80/1998 applikat mill-Kunsill tal-Istat), huwa dovut kumpens għad-danni.

(73) Għal Simet, dan mhux każ tat-tip irregolat mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, iżda tilwima dwar id-danni. Simet tinnota li s-sentenza 1405/2010 rrikonoxxiet id-dritt tagħha għal kumpens għad-danni skont l-Artikolu 35 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 80/1998, għal kumpens tal-ħsara kkawżata minħabba dispożizzjonijiet illeġittimi ta' rifjut min-naħa tal-Ministeru għall-eliminazzjoni tal-obbligi ta' servizz imposti fuq Simet. Dawn il-miżuri kienu ta' preġudizzju għal-libertà tal-intrapriża protett mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni Taljana, billi wasslu għal danni fil-patrimonju fit-twettiq tal-attività tan-negozju, u għandhom jitqiesu għalhekk mhux legali u bħala tali, jagħtu d-dritt għal kumpens effettiv tad-danni mġarrba. Il-Kunsill tal-Istat irrikonoxxa li l-Ministeru kien ikkawża lil Simet dannu inġust meta imponielha obbligi ta' servizz pubbliku, fi ksur tad-dritt tagħha li tipprovdi servizz ta' trasport f'libertà u awtonomija sħiħa.

(74) Jekk wieħed, min-naħa l-oħra jassumi li r-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kif emendat, jippermetti lill-amministrazzjoni timponi obbligi ta' servizz pubbliku biex tissodisfa l-ħtiġijiet tar-reġjun, Simet tqis li l-Ministeru kellu jipprovdi kumpens xieraq f'kumpens għal dawn l-obbligi. Effettivament, skont Simet, ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jippermetti li jiġu imposti obbligi li "jissodisfaw il-bżonnijiet tat-trasport ta' reġjun" (Artikolu 1(2)) u mhux "f'reġjun".

## 6. IL-KUMMENTI TAL-ITALJA DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET TERZI

(75) Fil-kummenti tagħhom dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi, l-awtoritajiet Taljani tennew il-pożizzjoni tagħhom li ma jeżisti l-ebda obbligu ta' servizz pubbliku skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u lanqas skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u li għaldaqstant ma huwa dovut l-ebda kumpens.

(76) Biex jappoġġaw il-pożizzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Taljani spjegaw aktar is-sistema li tirregola l-operazzjoni ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bix-xarabank skont il-liġi Nru 1822/39 ([23]) (il-liġi li kienet applikabbli matul il-perjodu kkonċernat). Skont din il-liġi, il-qafas regolatorju għal servizzi bi skeda taħt ir-responsabbiltà tal-Istat (magħrufa wkoll bħala "xarabank ordinarji") kien kif ġej:

(i) is-servizz kien eżerċitat wara l-ħruġ ta' konċessjoni;

(ii) il-konċessjoni ngħatat fuq talba tal-impriża;

(iii) għall-għoti tal-konċessjonijiet ma kinux previsti jew stabbiliti proċeduri selettivi.

(iv) il-konċessjoni bil-liġi kienet provviżorja jew definittiva skont id-diskrezzjoni totali tal-Ministeru li għażel dejjem li jagħti konċessjoni provviżorja lill-impriżi kollha. Għalhekk il-konċessjonijiet kellhom tul ta' sena u l-impriżi (Simet inkluża) u kienu jippreżentaw mill-ġdid l-applikazzjoni kull sena biex jiksbu t-tiġdid tal-konċessjoni;

(v) l-għotja kienet tagħti d-dritt esklussiv fuq ir-rotta identifikata fl-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni.

(vi) il-konċessjonarji kellhom titoli preferenzjali f'dak li jirrigwarda ż-żoni moqdija tat-traffiku, definiti fuq il-bażi tal-hekk imsejjaħ kriterju tal-"finitimità", jiġifieri tal-prossimità u l-interkonnessjoni ekonomika u funzjonali (Artikoli 5 u 6 tal-liġi Nru 1822/39);

(vii) minbarra dan, kien applikat ukoll kriterju ta' preferenza tas-servizzi eżistenti, fis-sens li, għal raġunijiet ta' kost-effettività, tqies bħala li jħares aktar l-interess pubbliku li ssir modifika tas-servizzi eżistenti pjuttost milli l-istabbiliment ta' servizzi ġodda;

([23]) Imbagħad ġiet imħassra u sostitwita mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 285/2005.

(viii) barra minn hekk, għall-għoti tal-konċessjoni ta' servizzi ġodda kien applikat il-kriterju tan-numru ta' utenti fiż-żona moqdija, f'relazzjoni mat-tul tar-rotta tas-servizz il-ġdid li jkun se jitwaqqaf. Kienet meqjusa bħala neċessarja żona moqdija ta' mill-anqas 300 000 abitant għal servizzi ta' tul sa 500 km u għal servizzi b'distanza akbar kien użat kriterju proporzjonali ([24]).

(77) Minn dan isegwi li d-deċiżjoni tal-Ministeru fir-rigward tad-domandi ppreżentati lilu mill-impriżi għall-modifika ta' servizz eżistenti jew il-konċessjoni ta' servizzi ġodda kellha tikkunsidra dan il-qafas legali.

(78) F'dak li jirrigwarda ċ-ċaħdiet, totali jew parzjali, espressi mill-Ministeru fir-rigward tat-talbiet għal tibdil fl-arranġamenti għall-għoti ta' servizzi pprovduti minn Simet, l-awtoritajiet Taljani nnutaw li dawn kienu jikkonċernaw biss is-sistema stabbilita fil-Liġi Nru. 1822/39. B'mod partikolari, il-Ministeru ma setax jagħti konċessjonijiet ġodda għal servizzi ġodda jew jestendi l-ambitu tal-konċessjonijiet eżistenti (billi jaċċetta waqfiet ġodda) fejn dan kien ikollu effetti fuq drittijiet tal-operaturi oħra, taħt dik il-liġi. Fl-istess ħin, il-Ministeru aċċetta l-emendi li ma kinux f'kunflitt mal-prinċipji stabbiliti fil-Liġi Nru 1822/39 ([25]).

(79) Filwaqt li rrikonoxxew li Simet ġiet miċħuda permess biex topera servizzi ġodda jew biex iżżid waqfiet f'servizzi eżistenti f'diversi okkażjonijiet, l-awtoritajiet Taljani jqisu li d-dikjarazzjonijiet ta' Simet u d-dokumenti annessi ma jagħtux prova li ġew ippreżentati talbiet formali għall-bdil tad-dettalji tas-servizzi pprovduti kif stabbilit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjonijiet eżistenti, talbiet formali li mbagħad ġew miċħuda. Fi kwalunkwe każ, il-Ministeru qatt ma ċaħad it-talbiet ta' Simet biex jitneħħew il-waqfiet f'żoni b'popolazzjoni baxxa jew dawk li kienu jinvolvu tibdiliet fl-iskedi.

(80) Fir-rigward tal-klawsoli tal-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni dwar it-trasport ta' oġġetti postali, skont l-awtoritajiet Taljani, Simet ma pprovdiet l-ebda evidenza li tiddokumenta s-servizzi li fil-fatt ingħataw u l-ispiża netta. L-awtoritajiet Taljani nnutaw ukoll li Simet SpA qatt ma pproduċiet ximiżura li turi li l-Ministeru kien ċaħdilha l-opportunità li tagħmel xi tibdiliet għat-tariffi. Huma jinnutaw ukoll li Simet qatt ma talbet awtorizzazzjoni sabiex tnaqqas it-tariffi.

(81) Fir-rigward tal-Memorandum Ministerjali tad-19 ta' Diċembru 1988 (D.C. III Div 32 n 3846) u ċ-ċirkolari Ministerjali sussegwenti nru A/66 tal-10 ta' Jannar 1989 (maħruġa mill-Uffiċju Proviċjali tal-Vetturi Ċivili bil-Mutur tal-Ministeru ta' Catanzaro), skont l-awtoritajiet Taljani dawn id-dokumenti ppermettew lill-operaturi tas-servizzi jaġġustaw il-prezzijiet tagħhom għal dawk ta' Ferrovie dello Stato, u għalhekk kellhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-politika nazzjonali usa' tat-trasport u tal-prezzijiet. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ittra tal-Uffiċċju Provinċjali ta' Catanzaro Nru 7302 tat-3 ta' Lulju 1992 (imsemmija minn Simet) li ppermettiet lill-operaturi tas-servizzi tal-linja biex iżidu t-tariffi b'6,1 % biex jaddattawhom għall-inflazzjoni f'implimentazzjoni taċ-Ċirkulari Nru 801/92 ([26]). Fl-ittra, tingħata wkoll l-informazzjoni li l-kumpaniji jistgħu joperaw b'reġim tariffarju differenti, dejjem jekk jagħmlu talba speċifika. L-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li Simet qatt ma ressqet talba dwar dan. Fi kwalunkwe każ, la l-Memorandum Ministerjali tal-1988 u lanqas l-ittra mill-Ministeru tal-1992 ma jikkostitwixxu ċaħda tal-applikazzjoni ta' Simet għat-terminazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku fir-rigward tat-tariffi.

(82) L-awtoritajiet Taljani ma jaqblux lanqas ma' dak li sostniet Simet, jiġifieri li l-punt 2 taċ-ċirkolari nru 3/02 tal-5 ta' April 2002 juri li t-tariffi għas-servizz bi skeda kienu stabbiliti mill-Ministeru. Din iċ-ċirkulari tipprovdi biss gwida dwar il-modalitajiet tal-konverżjoni tat-tariffi mil-lira għall-euro. Il-fatt li tariffi tas-servizzi tal-linja fuq distanza twila kienu "regolamentati" ma jfissirx li ma kinux stabbiliti mill-operaturi. Dan ifisser pjuttost li dawn kienu stabbiliti minn qabel biex jiġu ppreservati t-trasparenza u l-pubbliċità, f'garanzija tal-passiġġieri, u sussegwentement awtorizzati mis-servizzi Ministerjali relevanti. Billi dawn huma servizzi tal-linja regolari b'offerta indifferenzjata, il-modalitajiet tas-servizzi pprovduti, bħar-rotot, il-waqfiet, l-iskedi u t-tariffi għandhom ikunu magħrufa bil-quddiem, b'differenza ta' dak li jseħħ fil-każ tas-servizzi okkażjonali. Skont l-awtoritajiet Taljani, l-istess prinċipju japplika fil-livell tal-Unjoni għas-servizzi regolari, irregolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]), skont liema t-tariffi jikkostitwixxu parti integrali mill-awtorizzazzjoni tas-servizzi regolari (l-Artikolu 6, il-paragrafu 2, ta' dak ir-Regolament). Minħabba dan l-obbligu ta' predeterminazzjoni, l-awtoritajiet Taljani

([24]) L-Artikolu 2(2)(e) tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 369 tat-22 ta' April 1994.

([25]) Pereżempju, fl-1992 il-Ministeru qabel li jiċċaqilqu għal raġunijiet ta' sikurezza l-waqfiet fuq ir-rotta Rossano-Napoli; Fl-2000 il-Ministeru aċċetta t-talba għal waqfiet ġodda u għal bidliet fir-rotta għal postijiet ġodda abbażi tal-prinċipju tal-kost-effettività fuq ir-rotot Cosenza-Firenze u Cosenza-Pisa. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani nnutaw li d-dokumentazzjoni mressqa minn Simet turi li fl-1992 il-Ministeru kien aċċetta ż-żieda tat-tariffi mitluba mill-kumpanija għar-rotta Rossano-Napli.

([26]) Li jistabbilixxi limitu massimu għaż-żidiet tat-tariffi għas-servizzi bix-xarabank ordinarji li jikkorrispondi għar-rata ta' inflazzjoni.

([27]) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

jikkontestaw l-interpretazzjoni ta' Simet tal-punt 6 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni ([28]), billi kienu predeterminati (kemm fl-applikazzjoni ta' Simet kif ukoll fil-konċessjoni mogħtija mill-Ministeru) kemm l-iskedi kif ukoll it-tariffi li jirrigwardaw is-servizzi tar-rotta kkonċeduti.

(83) F'dak li jirrigwarda d-dimensjoni tal-kumpens mitlub, Simet qed titlob biss *"kumpens […] fil-limiti tal-ammonti dovuti"*. Skont l-awtoritajiet Taljani, il-kalkoli tal-ispiża sottomessi perjodikament minn Simet huma ġeneriċi, billi jkopru l-attività tan-negozju kollha, u oġġettivament mhux korretti, billi mhumiex ibbażati fuq dejta ċerta, peress li fil-biċċa l-kbira tal-perjodu kkonċernat ma kenitx disponibbli s-separazzjoni tal-kontijiet.

(84) L-awtoritajiet Taljani jqisu kompletament irrelevanti jekk il-każ jirrigwardax l-għoti ta' kumpens għal servizz pubbliku (jiġifieri l-applikazzjoni diretta tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69) jew il-konċessjoni ta' kumpens. Anke jekk wieħed jassumi li l-Kunsill tal-Istat *kellu l-intenzjoni li jirrikonoxxi d-dritt ta'* Simet għal kumpens, konklużjoni li skont l-awtoritajiet Taljani la hi ovvja u lanqas awtomatika meta wieħed jaqra s-sentenza 1405/2010 ([29]), kwalunkwe ħsara mġarrba tista' tirrigwarda biss it-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku. L-awtoritajiet Taljani jinsistu li ma kien hemm l-ebda impożizzjoni ta' obbligi bħal dawn fir-rigward ta' Simet.

(85) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Taljani ma qablux li hu opportun li jikkonċedu l-kumpens għad-danni skont l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni Taljana. It-trasport tal-passiġġieri permezz ta' servizzi tal-linja interreġjonali ma jistax jitqies bħala kompletament liberalizzat mill-applikazzjoni sempliċi u diretta tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, billi l-ewwel nett huwa suġġett għal sistema ta' konċessjonijiet (irregolata mil-liġi Nru 1822/39 u mid-digriet tal-President tar-Repubblika 369/94) u suċċessivament għal sistema ta' awtorizzazzjonijiet (irregolata mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 285/05).

## 7. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

### 7.1. EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA

(86) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, *"kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern"*.

(87) Skont l-Artikolu 107(1), il-paragrafu 1, miżura tikkostitwixxi għajnuna jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati kumulattivament:

— il-vantaġġ għandu jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,

— il-miżura trid tagħti vantaġġ selettiv billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti,

— il-miżura tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni,

— geffett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(88) Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet kollha ġewx issodisfati.

#### 7.1.1. **Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabilità**

(89) Il-Kummissjoni tinnota li s-sentenzi tal-Kunsill tal-Istat jobbligaw lill-Ministeru jħallas kumpens lil Simet għall-forniment ta' servizzi ta' trasport interreġjonali bix-xarabank mill-1987 sal-2003 fuq ir-rotot taħt ir-responsabbiltà tal-Istat. Ir-riżorsi għall-ħlas ta' dan il-kumpens huma dawk disponibbli għall-Ministeru u għalhekk jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. Id-deċiżjoni li jitħallas dan il-kumpens, ordnat mill-qorti, hija imputabbli lill-Istat.

#### 7.1.2. **Vantaġġ ekonomiku selettiv**

(90) L-ewwel nett il-Kummissjoni tinnota li Simet twettaq attività ekonomika, jiġifieri trasport tal-passiġġieri, bi ħlas. Għalhekk, Simet trid tiġi kkunsidrata bħala "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(91) Il-konċessjoni tal-miżura għandha titqies bħala selettiva, għaliex tibbenefika minnha biss Simet.

([28]) Il-punt 6 ta' kull waħda mill-ispeċifikazzjonijiet ta' konċessjoni jafferma li l-iskedi u t-tariffi se jkunu dawk approvati mill-Uffiċju Provinċjali tal-Vetturi Ċivili bil-Mutur tal-Ministeru.

([29]) Effettivament, is-sentenza 1405/2010 tirreferi għad-dritt li jiġu riċevuti l-ammonti bħala kumpens skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li l-ammont tagħhom irid jiġi determinat mill-amministrazzjoni fuq bażi ta' dejta ċerti (paġna 21, punt 3.3 tas-sentenza) Minbarra dan, fil-punt 3.3, il-Kunsill tal-Istat afferma li ma kienx ivvaluta d-danni billi: "L-ebda pretensjoni ta' kumpens ippreżentata mill-appellant ma tista', f'dan l-istadju, tiġi milqugħa, billi biss fl-eżitu ta' din id-determinazzjoni, min-naħa tal-amministrazzjoni, jista' eventwalment jirriżulta dannu residwu mhux kopert minn din id-determinazzjoni, li jrid ikun ikkalkulat u ppruvat mill-kumpanija interessata".

(92) Fir-rigward tal-kundizzjoni ta' vantaġġ ekonomiku selettiv konferit, mis-sentenza *Altmark* jirriżulta li l-kumpens mogħti mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat bħala kumpens dirett għal servizzi fornuti mill-impriżi riċeventi sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku ma jagħtix vantaġġ favur l-imsemmija impriżi u għalhekk ma tikkostitwixxix għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1), sakemm ikunu ssodisfati l-erba' kundizzjonijiet li ġejjin ([30]):

— l-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja għandha tkun effettivament inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u dawn l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar;

— it-tieni, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti;

— it-tielet, il-kumpens ma jridx jeċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul relatat magħhom kif ukoll profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi;

— ir-raba', meta l-għażla tal-kumpanija li għandha tingħata l-obbligi ta' servizz pubbliku ma ssirx fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid ikun ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat b'mezzi tat-trasport sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku, kien ikollha ġġorr biex twettaq dawk l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti u marġini tal-qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi.

(93) Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex jiġi żgurat li ma jagħtux vantaġġ ekonomiku li jiffavorixxi l-impriża benefiċjarja għad-detriment tal-impriżi kompetituri. Madankollu, il-ħtieġa li jiġu stabbiliti parametri ta' kumpens bil-quddiem ma tfissirx li l-kumpens għandu jkun ikkalkulat skont formula speċifika. Pjuttost, huwa importanti li jkun ċar mill-bidu kif il-kumpens ikun se jiġi determinat.

(94) Fil-każ preżenti, Simet ma pprovdiet l-ebda evidenza li turi li l-parametri ta' kumpens għall-forniment tas-servizzi kkonċernati matul il-perjodu in kwistjoni kienu ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti. L-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni li fuqhom qed tibbaża ruħha Simet biex tipprova li għandha obbligu ta' servizz pubbliku jispeċifikaw pjuttost li l-forniment tas-servizz ma jagħti lill-operatur l-ebda dritt għal benefiċċji jew kumpens tal-ebda tip u li s-servizz jiġi eżerċitat għar-riskju tal-impriża li twettqu. Huwa għal din ir-raġuni li s-sentenza 1405/2010 tal-Kunsill tal-Istat speċifikat li dan il-kumpens għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' dejta ċerta derivata mill-kontijiet tal-kumpanija. Fin-nuqqas ta' parametri ta' kumpens stabbiliti minn qabel, kwalunkwe kalkolu ta' dan it-tip, bħall-kalkoli li jinsabu fir-rapport inizjali u fir-rapport tal-maġġoranza huwa neċessarjament u esklussivament fuq stimi *ex post* tal-ispejjeż netti sostnuti mill-forniment tas-servizzi tal-linja interreġjonali kkonċernati. Għalhekk, fil-każ preżenti, it-tieni kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ma ġietx issodisfata.

(95) Billi s-sentenza Altmark tistipula li l-erba' kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati kumulattivament sabiex tiġi eskluża l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku fil-każ li jingħata kumpens lil impriża minħabba obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuqha, ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk, fil-każ preżenti, it-tliet kundizzjonijiet l-oħra ġewx rispettati. Konsegwentement, il-ħlas tal-kumpens favur Simet għall-forniment ta' servizzi interreġjonali ta' trasport bix-xarabank għall-perjodu 1987-2003 jagħti lil din il-kumpanija vantaġġ ekonomiku selettiv.

#### 7.1.3. **Tfixkil tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri**

(96) Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kriterji, jeħtieġ li jkun verifikat jekk il-miżura notifikata tistax tfixkel il-kompetizzjoni tant li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(97) Kif indikat fis-sentenza tagħha *Altmark* ([31]), mill-1995 bosta Stati Membri fetħu xi swieq tat-trasport urban, suburban jew reġjonali għall-kompetizzjoni minn impriżi minn Stati Membri oħra u hemm diversi eżempji ta' impriżi tat-trasport ta' Stat Membru li jeżerċitaw attivitajiet fi Stat Membru ieħor. Din ix-xejra hija partikolarment evidenti fil-qasam tas-servizzi tal-linja interreġjonali bħal dawk ipprovduti minn Simet. Għaldaqstant, kwalunkwe kumpens mogħti lil Simet għandu jitqies li huwa kapaċi jfixkel il-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' trasport bil-karozzi tal-linja interreġjonali u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri peress li jaffettwa ħażin il-possibbiltà għall-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri oħra biex joffru s-servizzi tagħhom fl-Italja u jsaħħaħ il-pożizzjoni fis-suq ta' Simet.

([30]) Kawża C-280/00 *Altmark*, punti 87 u 88.
([31]) Punt 79.

(98) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li Simet hija attiva fuq swieq oħra, bħas-suq għal servizzi tal-ivvjaġġar internazzjonali, servizzi turistiċi u servizzi ta' kiri ta' xarabanks bis-sewwieq u għaldaqstant hija f'kompetizzjoni ma' kumpaniji oħra fl-Unjoni li joperaw f'dawn is-swieq. Kwalunkwe kumpens mogħti lil Simet neċessarjament ifixkel ukoll il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri f'dawn is-swieq.

(99) Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-miżura nnotifikata tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

### 7.1.4. **Konklużjoni**

(100) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura nnotifikata tikkostitwixxi għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

## 7.2. EŻENZJONI MIR-REKWIŻIT TAN-NOTIFIKA SKONT IR-REGOLAMENT (KEE) NRU 1191/69

(101) Fuq il-bażi tar-raġunament tal-Kunsill tal-Istat, Simet kisbet id-dritt ta' kumpens għall-għoti tas-servizzi ta' trasport ikkonċernati meta wettqet dawn is-servizzi. Dan ir-raġunament jimplika li l-ħlasijiet għall-Kumpens kienu eżentati mill-proċedura ta' notifika obbligatorja, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69; li kieku ma kienx hekk, minħabba nuqqas ta' notifika ta' kumpens, din kienet tkun illegali peress li tmur kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat.

(102) Dan għaliex skont l-Artikolu 17(2) ta' dak ir-Regolament, il-kumpens li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eżenti mill-proċedura ta' informazzjoni preliminari li tinsab fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, u għalhekk mill-obbligu ta' notifika minn qabel. Kif wieħed jista' jara mis-sentenza *Combus*, il-kunċett ta' "*kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku*", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandu jkun interpretat b'mod restrittiv ħafna ([32]). L-eżenzjoni mir-rekwiżit tan-notifika stipulata fl-Artikolu 17(2) tikkonċerna biss il-kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku imposti unilateralment fuq impriża, skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, li għandu jkun ikkalkulat bl-użu tal-metodu deskritt fl-Artikoli 10 sa 13 tal-istess Regolament (il-metodu komuni ta' kumpens) u ma għandhiex tapplika għall-kuntratti ta' servizz pubbliku definiti fl-Artikolu 14. Il-kumpens imħallas skont kuntratt ta' servizz pubbliku, kif definit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni qabel jitwettaq. In-nuqqas ta' notifika jwassal li dan il-kumpens jitqies bħala għajnuna implimentata b'mod illegali.

(103) Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, l-Artikolu 17(2) attwalment jeħlisx lill-awtoritajiet Taljani mill-obbligu ta' notifika minn qabel, huwa għalhekk meħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi stabbilit jekk l-awtoritajiet Taljani fil-fatt imponewx unilateralment obbligu ta' servizz pubbliku fuq Simet u, it-tieni, jekk il-kumpens mogħti għal dawn l-obbligi tas-servizzi huwiex konformi mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69. Il-Kummissjoni se teżamina ż-żewġ kwistjonijiet waħda wara l-oħra.

### 7.2.1. **L-awtoritajiet Taljani imponew unilateralment obbligu ta' servizz pubbliku fuq Simet?**

(104) Skont Simet ([33]), l-impożizzjoni unilaterali ta' obbligu ta' servizz pubbliku tista' tintgħaraf mill-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw il-modalitajiet tas-servizzi li għandhom ikunu pprovduti skont il-konċessjonijiet maħruġa għal kull rotta speċifika tal-linja interreġjonali, mill-impożizzjoni ta' tariffi mill-Ministeru u miċ-ċaħdiet ta' dan tal-aħħar fir-rigward ta' talbiet għal emendi għal servizzi eżistenti jew tal-għoti ta' servizzi ġodda.

(105) Madankollu, skont l-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni tinnota li Simet ma wrietx b'mod konvinċenti li l-awtoritajiet Taljani imponew unilateralment obbligu ta' servizz pubbliku.

(106) L-ewwel nett, l-inizjattiva ta' Simet li titlob it-tiġdid tal-ispeċifikazzjonijiet ta' konċessjoni għal kull waħda mis-16-il sena tal-perjodu kkunsidrat ma tistax tiġi rikonċiljata ma' impożizzjoni unilaterali ta' obbligu ta' servizz pubbliku. L-għan ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet kien li jagħti lil Simet id-dritt esklussiv li tipprovdi s-servizzi in kwistjoni għall-perjodu kkunsidrat. Minkejja l-fatt li kull wieħed minn dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistipula li l-eżerċizzju ma kienx soġġett għal kumpens u kellu jiġi eżerċitat għar-riskju tal-operatur kummerċjali, Simet ripetutament talbet għall-estensjoni ta' dawn id-drittijiet.

([32]) Il-Kawża T-157/01, *Danske Busvognmænd*, [2004] Ġabra II-917, paragrafi 77-79.

([33]) Ara t-taqsima 5.

(107) It-tieni, il-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet stabbilixxew it-tariffi, ir-rotot jew il-frekwenza tal-vjaġġi u l-iskedar tas-servizz ma jfissirx neċessarjament li, bħala riżultat tal-konċessjonijiet, ġew imposti obbligi unilaterali ta' servizz pubbliku fuq Simet. Meta wieħed iqis li s-servizzi pprovduti kienu servizzi regolari tal-linja, kien hemm il-ħtieġa li l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni, li taw lil Simet id-dritt esklussiv li tipprovdi dawn is-servizzi, jispeċifikaw minn qabel il-modalitajiet tas-servizzi li kellhom jiġu pprovduti. Ma ġiet prodotta l-ebda evidenza li turi li ġew preżentati, sabiex jemendaw dawn il-karatteristiċi, talbiet formali li wara ġew rifjutati mill-Ministeru, u Simet lanqas ma pprovdiet evidenza li turi li l-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ġew imposti unilateralment mill-awtoritajiet Taljani u mhux proposti mill-operatur, bħala kundizzjoni għad-dritt li toffri s-servizzi fuq bażi esklussiva, u sussegwentement awtorizzati mill-Ministeru.

(108) It-tielet, fir-rigward tal-allegat obbligu tat-trasport ta' oġġetti postali, Simet ma pprovdiet l-ebda evidenza dwar servizzi tassew mogħtija u dwar l-ispejjeż netti li rriżultaw minnhom, u lanqas ma pprovdiet l-ebda evidenza li hija qatt ikkontestat il-klawżoli tal-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni dwar it-trasport ta' oġġetti postali. Dan jista' jfisser li l-forniment ta' dawn is-servizzi ma kienx imur kontra l-interessi kummerċjali tal-kumpanija jew li din tal-aħħar kienet tqisu rimunerazzjoni ġusta għad-dritt li teżerċita servizzi ta' trasport interreġjonali fuq bażi esklussiva.

(109) Ir-raba', fir-rigward tat-tariffi li setgħet titlob Simet għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, anke jekk l-awtoritajiet Taljani jirrikonoxxu li sal-2001 kien hemm fil-fatt regoli nazzjonali li jistabbilixxu l-linji ġenerali tas-sistema tal-prezzijiet tas-servizzi tat-trasport bix-xarabank bħala parti minn politika usa' nazzjonali tat-trasport u tal-prezzijiet ([34]), l-operaturi setgħu jippreżentaw applikazzjoni speċifika sabiex japplikaw tariffa differenti. Dan huwa ċar mill-ittra ministerjali msemmija minn Simet ([35]). Il-Kummissjoni tinnota, madankollu, li Simet ma pprovdiet l-ebda evidenza biex turi li kienet ippreżentat talba bħal din lill-awtoritajiet Taljani, u lanqas li l-Ministeru qatt ċaħad applikazzjonijiet għal modifika tat-tariffi matul il-perjodu 1987-2003.

(110) Għall-kuntrarju ta' dak li qed issostni Simet, il-fatt li t-tariffi tas-servizzi tal-linja fuq distanza twila kienu "approvati" mill-Uffiċċju Provinċjali tal-Vetturi Ċivili bil-Mutur tal-Ministeru ([36]) u li ċ-Ċirkolari nru 3/02 tal-5 ta' April 2002 ([37]) irreferiet għal tariffi "regolamentati" ma jfissirx li dawn it-tariffi ma kinux inizjalment stabbiliti mill-operaturi. L-użu ta' dawn it-termini jfisser pjuttost li t-tariffi kienu sempliċiment stabbiliti minn qabel biex jiġu ppreservati t-trasparenza u l-pubbliċità, f'garanzija tal-passiġġieri, u sussegwentement awtorizzati mis-servizzi Ministerjali relevanti.

(111) Fi kwalunkwe każ, dawn it-tipi ta' miżuri ma jikkostitwux, fis-sens tal-Artikolu 2(5), tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, "obbligu tariffarju", li kien ikun suġġett għall-metodu komuni ta' kumpens. Obbligu tariffarju jfisser esklussivament "*obbligu impost fuq intrapriżi tat-trasport li japplikaw rati fissi jew approvati minn xi awtorita' pubblika li huma kontra l-interessi kummerċjali tal-impriża u li jirriżultaw mill-impożizzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' tariffi speċjali, jew minn ċaħda li jiġu mmodifikati*". Id-definizzjoni ta' obbligu tariffarju ma tapplikax "*fir-rigward ta' obbligi li jirriżultaw minn miżuri ġenerali ta' politika ta' prezzijiet li tapplika għall-ekonomija kollha b'mod ġenerali jew għall-miżuri meħuda fir-rigward ta' rati ta' trasport u kondizzjonijiet b'mod ġenerali bil-għan li jiġi organizzat is-suq tat-trasport jew parti minnu*".

(112) Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħdiet tal-Ministeru ppreżentati minn Simet, il-Kummissjoni tosserva li dawn it-talbiet kienu ta' natura espansjonista li ma kinux jirrigwardaw modifiki għall-modalitajiet tal-forniment tas-servizzi eżistenti. Espansjoni tas-servizzi mhux dejjem kienet possibbli minħabba l-mod kif il-Liġi Nru 1822/39 tirregola l-funzjonament tas-servizzi tal-linja tat-trasport tal-passiġġieri. Fil-fatt, kien possibbli li jingħataw konċessjonijiet għal servizzi ġodda jew sabiex jiġi estiż l-ambitu ta' dawk eżistenti sakemm dawn il-konċessjonijiet ma jkollhomx impatt fuq id-drittijiet ta' operaturi oħra tal-linja. Għalhekk, ir-rifjut għall-ftuħ ta' servizzi ġodda jew li ssir espansjoni ta' programmi eżistenti kien ir-riżultat ta' azzjoni mmirata lejn ir-rikonċiljazzjoni tal-interessi tal-operaturi ekonomiċi differenti, aktar milli l-konsegwenza ta' impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, kif iddikjarat Simet.

([34]) Sa tmiem l-1991, iċ-ċirkolari nru 13/74 tat-30 ta' April 1974 kienet tistipula li, bħala regola, it-tariffi tal-karozzi tal-linja interreġjonali kienu l-istess bħal dawk tat-tieni klassi tat-trasport ferrovjarju. Aktar tard, mill-1992 sal-2000, il-Memorandum Uffiċjali Nru 801 tas-17 ta' Marzu 1992 stabbilixxa li ż-żidiet fit-tariffi normalment ma għandhomx jaqbżu r-rata tal-inflazzjoni, li f'dak iż-żmien kienet indikata mill-Comitato Interministeriale Prezzi.

([35]) Ittra tal-Uffiċċju Provinċjali ta' Catanzaro Nru A/7302 tat-3 ta' Lulju 1992.

([36]) Il-Punt 6 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni.

([37]) Il-Punt 2 taċ-Ċirkolari 3/02 tal-5 ta' April 2002 li jipprovdi indikazzjonijiet dwar il-modalitajiet tal-konverżjoni tat-tariffi mil-lira għall-euro.

(113) Għaldaqstant, Simet ma wrietx li l-awtoritajiet Taljani imponewlha unilateralment obbligu ta' servizz pubbliku.

### 7.2.2. Il-kumpens għal dan l-obbligu huwa konformi mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69?

(114) Fi kwalunkwe każ, ukoll jekk wieħed jipotizza li ġiet ippruvata b'xi mod l-impożizzjoni unilaterali tal-obbligi ta' servizz pubbliku, il-kumpens għal dawn is-servizzi għandu xorta waħda jkun konformi mal-metodu komuni ta' kumpens (taqsima IV) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 biex tkun eżentata mill-obbligu tan-notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tal-istess Regolament. Il-Kummissjoni ma tqisx li din il-kundizzjoni seħħet.

(115) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistipula, *inter alia*, fir-rigward tal-obbligu li wieħed jopera jew li jġorr, li l-ammont ta' kumpens għandu jkun daqs id-differenza bejn it-tnaqqis tal-ispejjeż u t-tnaqqis fid-dħul ta' kumpanija li jista' jirriżulta, għall-perjodu ta' żmien ikkonċernat, billi jiġi kkanċellat l-obbligu inkwistjoni jew parti minnu. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Antrop*, ir-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni ma jiġux sodisfatti meta "*mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita, b'dejta ċerta tal-kontabilità [tal-kumpanija], id-differenza bejn l-ispejjeż attribwibbli għall-parti tal-attivitajiet fil-qasam soġġett għall-għoti tal-konċessjoni rispettiva u d-dħul korrispondenti u, konsegwentement, mhuwiex possibbli li wieħed jikkalkula l-ispiża addizzjonali li tirriżulta [lil din il-kumpanija] mill-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku*" ([38]).

(116) Minbarra dan, sa mill-1 ta' Lulju 1992, ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, fl-Artikolu 1(5)(a), kien jobbliga lill-impriżi tat-trasport li ma joperawx biss servizzi suġġetti għall-obbligi tas-servizz pubbliku, iżda wkoll attivitajiet oħra li jwettqu servizz pubbliku: i) li jisseparaw il-kontijiet li jikkorrispondu ma' kull waħda mill-attivitajiet ta' operazzjoni u jaqsmu l-partijiet relattivi tal-kapital fuq il-bażi tan-normi kontabbli fis-seħħ u ii) jikkumpensaw l-ispejjeż bid-dħul mill-operazzjoni u l-ħlasijiet mingħand l-awtoritajiet, mingħajr il-possibilità ta' trasferiment minn jew lejn setturi oħra ta' attività tal-impriża.

(117) Fil-każ preżenti, Simet ma adottatx separazzjoni effettiva tal-kontijiet għas-servizzi differenti li pprovdiet sal-2002. Minbarra dan, wieħed jista' jiddubita mill-validità tal-kontijiet analitiċi għas-snin 2002 u 2003, rigward is-separazzjoni tal-kontijiet, billi ma ġiex ippruvat li din il-kontabilità intużat mill-korpi ta' tmexxija tal-kumpanija biex jikkontrollaw l-attivitajiet tagħha. Għalhekk l-Artikolu 10 ma ġiex issodisfat.

(118) It-tieni, Simet ma wrietx li "*l-iżvantaġġi ekonomiċi [...] ġew determinati b'kunsiderazzjoni għar-riperkussjonijiet tal-obbligu fuq l-attività kumplessiva tal-impriża*" (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69), u lanqas ma ġie rispettat ir-rekwiżit li jipprevedi li jiġi stabbilit minn qabel l-ammont tal-kumpens (l-Artikolu 13 tar-Regolament), kif muri fit-Taqsima 7.1.2.

(119) Fl-aħħar nett, il-perjodu ta' kumpens tal-miżura nnotifikata huwa dak bejn l-1987 u l-2003. Madankollu, il-metodu komuni tal-kumpens kien applikat għas-servizzi tal-karozzi tal-linja interreġjonali biss sa Lulju 1992 u sussegwentement kien limitat għal "*servizzi tal-passiġġieri urbani, suburbani jew reġjonali*", fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 1893/91 ([39]). Id-definizzjoni ta' "servizzi reġjonali" pprovduta mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ("*servizzi ta' trasport operati biex jilħqu l-ħtiġijiet ta' trasport ta' reġjun*") ma tistax tkun estiża biex tkopri s-servizzi ta' trasport kollha li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-popolazzjoni ta' reġjun, u għalhekk tkopri wkoll dawk interreġjonali. Fil-fatt, interpretazzjoni daqstant wiesgħa kienet tagħmel ir-Regolament ineffiċjenti ħafna, peress li l-Istati Membri kienu awtorizzati li ma japplikawhx għal impriżi li l-attivitajiet tagħhom kienu limitati esklussivament għal "*servizzi tal-passiġġieri urbani, suburbani jew reġjonali*" ([40]).

(120) Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kumpens innotifikat ma jikkonformax mal-metodu komuni ta' kumpens stabbilit fir-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

([38]) Il-Kawża C-504/07, 504/07, il-Ġabra 2009, paġna I-03867.
([39]) ĠU L 169, 29.6.1991, p. 1.
([40]) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

### 7.2.3. **Konklużjoni dwar l-eżenzjoni mill-obbligu tan-notifika**

(121) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens li l-Kunsill tal-Istat iqis bħala dovut lil Simet għall-forniment ta' servizzi ta' karozzi tal-linja interreġjonali fil-perjodu 1987-2003 ma kienx eżenti mill-proċedura ta' notifika minn qabel abbażi tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

## 7.3. IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

(122) Billi ma ġiex ippruvat li l-ħlasijiet bħala kumpens kienu eżenti mill-proċedura ta' notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, se jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-kompatibilità tagħhom mas-suq intern, billi huwa meqjus li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kif indikat fit-Taqsima 7.1.

(123) Il-Kummissjoni ssostni li l-eżami tal-kompatibilità tal-miżura nnotifikata jrid isir skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007, li daħal fis-seħħ fit-3 ta Diċembru 2009 u ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, billi din hija l-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ([41]). Hija tinnota, f'dan ir-rigward li l-kumpens mogħti lil Simet mill-Kunsill tal-Istat għadu ma tħallasx, u għalhekk id-data li fiha jseħħu l-effetti tal-għajnuna ppjanata tikkoinċidi mal-mument li fih il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq intern ([42]). Barra dan, huwa dubjuż jekk konċessjoni irrevokabbli ta' dritt għal dan il-kumpens ingħatatx lil Simet qabel is-sentenza 1405/2010 mogħtija mill-Kunsill tal-Istat fid-19 ta' Marzu 2010, li effettivament tobbliga lill-Istat Taljan sabiex jagħmel dawn il-pagamenti lill-impriża. Kif spjegat fil-punt (94), l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni li fuqhom qed tibbaża ruħha Simet biex tipprova li għandha obbligu ta' servizz pubbliku jispeċifikaw li l-forniment tas-servizz ma kien jagħti lill-operatur l-ebda dritt għal sussidju jew kumpens tal-ebda tip u li s-servizz kellu jiġi eżerċitat għar-riskju tal-impriża li twettqu. Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li l-ammont ta' kumpens li jrid jitħallas lil Simet għadu ma ġiex deċiż mill-Kunsill tal-Istat.

(124) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jirregola l-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku, kif definiti fl-Artikolu 2(i) tagħha, fis-settur tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq u bil-ferrovija. Skont l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament, "*kumpens għal servizz pubbliku għall-operat ta' servizzi pubbliċi tat-trasport […] mħallsa skont dan ir-Regolament għandu jkun kompatibbli mas-suq [intern]. Tali kumpens għandu jkun eżenti mill-ħtieġa ta' notifika minn qabel imniżżla fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat*".

(125) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens notifikat ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Għalhekk ma jistax jiġi ddikjarat bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament.

(126) B'mod partikolari, il-Kummissjoni tosserva li, ukoll li kieku l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni kellhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(i) tar-Regolament (KE) Nru 1370/07 f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, xorta waħda ma ġiet irrispettata l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament, li jistabbilixxi l-kontenut obbligatorju tal-kuntratti ta' servizz pubbliku u r-regoli ġenerali. L-Artikolu 4(1)(b), pereżempju, jistipula li l-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, u l-Artikolu 4(1)(c) u l-Artikolu 4(2), jiddeterminaw il-modalitajiet għall-allokazzjoni tal-ispejjeż u tad-dħul. Kif muri fit-taqsima 7.1.2, mill-eżami tat-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark* li sar mill-Kummissjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni kkonċernata kienu jispeċifikaw li l-forniment tas-servizz ma kienx jagħti lill-operatur l-ebda dritt għal benefiċċji jew kumpens tal-ebda tip u li s-servizz kellu jiġi eżerċitat għar-riskju tal-operatur kummerċjali. Din l-esklużjoni ta' kumpens bilfors timplika li l-parametri ta' kumpens ma ġewx stabbiliti minn qabel, u għalhekk ma kienx irrispettat l-Artikolu 4 tar-Regolament.

(127) Minbarra dan, l-Artikolu 6(1) jistabbilixxi li, fil-każ ta' kuntratti ta' servizz pubbliku aġġudikati b'mod dirett, il-kumpens irid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-anness, sabiex jiġi ggarantit li huwa ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' servizz pubbliku. Dan l-anness jesiġi, fost l-oħrajn, is-separazzjoni tal-kontijiet (punt 5) u jistabbilixxi l-modalitajiet sabiex jiġi stabbilit l-ammont massimu ta' kumpens.

([41]) Il-Kummissjoni tirreferi f'dan ir-rigward għall-argumenti żviluppati fil-premessi (307) sa (313) tad-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2010 fil-Kawża C 41/08 (ex NN 35/08) dwar il-Kuntratti ta' servizz pubbliku ta' trasport bejn il-Ministeru Daniż tat-Trasport u Danske statsbaner (ĠU L 7, 11.1.2011, p. 1). Dik id-Deċiżjoni ġiet annullata mill-Qorti fil-Kawża T-92/11, *Jørgen Andersen/Il-Kummissjoni Ewropea* [2013], għadha mhux ippubblikata – sentenza attwalment taħt appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Kawża C-303/13. Ir-riżultat ta' dan l-appell mhuwiex rilevanti għall-finijiet tar-riżultat ta' dan il-każ, billi l-Qorti kkonfermat fis-Sentenza li qed tiġi appellata li, f'dak li jirrigwarda l-għajnuna nnotifikata iżda mhux imħallsa, għandhom japplikaw ir-regoli, il-prinċipji u l-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kumpatibbiltà fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni (ara l-punt 39 tas-sentenza).

([42]) Il-Kawża C-334/07 P, *Il-Kummissjoni v Freistaat Sachsen*, 2008, p. I-9465, punti 50 sa 53; Il-Kawża T-3/09 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* [2011] p. II-95, punt 60.

(128) Kif osservat fil-punt (115), għal parti kbira mill-perjodu li kien l-oġġett tan-notifika (mill-1987 sal-2001), Simet ma kenitx adottat separazzjoni effettiva tal-kontijiet, u wkoll il-validità tal-kontijiet analitiċi tista' titqiegħed f'dubju. Huwa għalhekk impossibbli li jiġi ppruvat li, ikun xi jkun il-kumpens li finalment jingħata, dan ma jaqbiżx l-ammont li jikkorrispondi għall-effett finanzjarju nett ekwivalenti għat-total tal-effetti, pożittivi jew negattivi, tat-twettiq tal-obbligu ta' servizz pubbliku fuq l-ispejjeż u d-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku (il-punt 2 tal-Anness).

(129) Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' parametri ta' kumpens stabbiliti minn qabel, kull tqassim tal-ispejjeż irid bilfors isir ex post abbażi ta' suppożizzjonijiet arbitrarji, kif sar fir-rapport inizjali tal-maġġoranza. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta s-suppożizzjonijiet użati fir-rapport tal-maġġoranza, skont liema kull servizz li sar mill-impriża għandu neċessarjament jirrappreżenta l-istess proporzjon tal-ispejjeż u d-dħul f'kull sena partikolari. Barra minn hekk, peress li kalkolu *ex-post* neċessarjament jirriżulta f'kumpens sħiħ tal-ispejjeż imġarrba fl-għoti tas-servizz, il-Kummissjoni tqis li rata ta' dħul fuq il-kapital proprju tar-rata swap relevanti b'żieda ta' 100 punt bażi, użata kemm fir-rapport inizjali, kif ukoll fir-rapport tal-maġġoranza, mhix ġeneralment ikkunsidrata bħala riferiment adegwat biex jiġi kkalkulat il-profitt raġonevoli.

(130) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-kumpens deċiż mill-Kunsill tal-Istat, li ma kienx previst mill-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni, ma jithallasx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, u li għalhekk il-miżura nnotifikata hija inkompatibbli mas-suq intern.

(131) Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' dak li sostniet Simet, jiġifieri li s-sentenza 1405/2010 tal-Kunsill tal-Istat ma tirrigwardax il-konċessjoni ta' kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku abbażi tar-Regolament tal-Kunsill applikabbli, iżda tirrappreżenta ħlas tad-danni għal ksur tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 li tiġi mill-impożizzjoni unilaterali illeċita preżunta ta' obbligi ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 1(5), tal-istess Regolament, il-Kummissjoni tosserva li, filwaqt li ma hemm l-ebda riferiment għar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 fil-parti operattiva tas-sentenza 1405/2010, din tal-aħħar tagħmel riferement għad-dritt ta' Simet li tirċievi, skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, somom bħala kumpens li l-ammont tagħhom irid jiġi stabbilit mill-amministrazzjoni abbażi ta' dejta ċerta ([43]). Barra minn hekk, fis-sentenza tiegħu 1405/2010, l-istess Kunsill tal-Istat irrifjuta l-applikazzjoni għal kumpens ta' Simet, li hija kellha l-intenzjoni li jkopri d-danni li kienu għadhom mhux koperti mill-kumpens li kellu jingħata, kif ukoll ir-rikors għal arrikkiment mhux ġustifikat, fid-dawl tal-ilqugħ tat-talba prinċipali ta' kumpens skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ([44]). Għaldaqstant, fil-punt 3.3 tas-sentenza, il-Kunsill tal-Istat jiddikjara li: "L-ebda pretensjoni ta' kumpens ippreżentata mill-appellant ma tista', f'dan l-istadju, tiġi milqugħa, billi biss fl-eżitu ta' din id-determinazzjoni, min-naħa tal-amministrazzjoni, jista' eventwalment jirriżulta dannu residwu mhux kopert minn din id-determinazzjoni, li jrid ikun ikkalkulat u ppruvat mill-kumpanija interessata".

(132) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għoti ta' kumpens favur Simet għall-allegata impożizzjoni unilaterali illeċita ta' obbligi ta' servizz pubbliku mill-awtoritajiet Taljani ikkalkulata abbażi tal-metodu komuni ta' kumpens skont ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, ikun jikser l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Dan huwa għaliex huwa jipprovdi għal Simet eżattament l-istess riżultat bħal li tingħata kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku għall-perjodu kkunsidrat, minkejja l-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni li tirregola s-servizzi inkwistjoni ma kinux meħlusa mill-obbligu ta' notifika minn qabel, u lanqas ma kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jew tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, kif muri aktar 'il fuq. Id-disponibbiltà ta' din il-konċessjoni għalhekk tippermetti li effettivament jiġu evitati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni, skont liema l-awtoritajiet kompetenti, meta jimponu jew jinnegozjaw obbligi ta' servizz pubbliku, jikkumpensaw lill-operaturi rispettivi tagħhom għall-ispejjeż imġarrba bi tpattija għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Fl-aħħar nett, kif iddikjarat hawn fuq, l-ispeċifikazzjonijiet tal-konċessjoni li abbażi tagħha Simet ipprovdiet is-servizzi ta' trasport ma kienu jipprevedu l-ħlas tal-ebda kumpens finanzjarju. Simet qablet li tipprovdi servizzi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-konċessjonijiet għar-riskju tagħha stess.

(133) Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument ta' Simet li s-sentenza 1405/2010 tal-Kunsill tal-Istat tirrappreżenta ħlas ta' danni għal ksur tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 pjuttost milli konċessjoni ta' kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku.

## 8. **KONKLUŻJONIJIET**

(134) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura nnotifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, inkompatibbli mas-suq intern.

---

([43]) Il-Punt 3.3 tas-sentenza 1405/2010.

([44]) Il-Punt 3.4 tas-sentenza 1405/2010.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-ħlasijiet ta' kumpens favur Simet innotifikati mill-awtoritajiet Taljani jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din il-miżura ma kenitx eżenti mill-ħtieġa ta' notifika minn qabel skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

L-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern, għax ma ġewx irrispettati l-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Għalhekk l-awtoritajiet Taljani ma jistgħux jimplimentaw din l-għajnuna.

*Artikolu 2*

Ir-Repubblika Taljana hija d-destinatarja ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi President*